**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 339/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Aaron Luke Falzon**

Illum, l-14 ta' Novembru 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Aaron Luke Falzon** ta' 29 sena iben George Falzon u Agnes nee' Pace, li twieled gewwa l-Pieta' nhar id- 19 ta' Marzu 1993, residenti fil-fond 29, Niagara, Triq il-Qroll, Zurrieq u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 0134193M

U akkuzatu talli:

Nhar il- 21 ta' Mejju 2022, u fil-granet, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lill-eks siehba tieghu u cioe' Alison Bugeja, fastidju ghal iktar minn darba meta gab ruhu b'mod li jmissu kien jaf li kien qed ikun tali;
2. Ikkaguna lill-eks siehba tieghu u cioe' Alison Bugeja fastidju ghal iktar minn darba meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali ta' fastidju sar b'mod li tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi;
3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzioni elettronika ingurja u/jew hedded lill-eks siehba tieghu Alison Bugeja, bi kliem;

4. U iktar talli ghamel uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzioni elettronika (Mobile);

5. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-eks siehba tieghu Alison Bugeja

U iktar talli nhar id- 29 ta' Marzu 2022, bejn il-hinijiet ta' 16:00hrs u 17:00hrs gewwa Gwardamangia, u f'diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi minijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzioni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzioni wahda:

6. Saq il-vettura ta' ghamla Mazda 3, ta' lewn iswed u bin-numru ta' registrazzioni KCA642 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

II-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta'protezzioni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Aaron Luke Falzon a beneficju ta' Alison Bugeja u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Alison Bugeja jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Aaron Luke Falzon b'obbligazzioni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' hija tikkundanna lil Aaron Luke Falzon ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2024 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-21 ta' Marzu 2023.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-6 ta' Frar 2024.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Folio 255 ta' l-atti processwali
[2] Folio 5 ta' l-atti processwali
[3] Folio 152 ta' l-atti processwali
[4] Folio 244 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati atti ta′ fastidju u segwiment bil-mohbi mwettqa mill-imputat Aaron Luke Falzon fil-konfront tal-parte civile Alison Bugeja, l-eks siehba tieghu. Skont ir-rapport maghmul mill-parte civile, dawn l-imsemmija atti ta′ fastdju saru permezz ta′ messaggi, telefonati u aktar minn hekk, permezz ta′ segwiment fiziku f′diversi postijiet fejn tiffrekwenta l-parte civile, inkluz il-post tax-xoghol taghha.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 xehdet il-parte civile **Alison Bugeja**[5]. Tispjega li kienet f'relazzjoni ta' ftit xhur mal-imputat Aaron Luke Falzon u li f'Marzu 2022 ghazlet li ttemm din ir-relazzjoni ghax l-attaggjament tal-imputat ma bediex joghgobha. Tghid li l-imputat ma riedx jaccetta li r-relazzjoni tintemm u baqa' jsegwiha f'xi okkazjonijiet wara. Tispjega li wara li hassret, l-imputat kien jibghatilha messaggi bi kliem bhal "minghajrek inhossni li ser immut" u li ser iwegga' fuq ix-xoghol. Kien hemm xi okkazjonijiet fejn iltaqghet mieghu biex tkellmu "biex tkun ta' support" ghax xortawahda kienet tinkwieta ghalih. Fid-29 ta' April 2022, l-imputat segwiha bil-karozza u pparkja hdejha fi Triq il-Fniek, Santa Venera u meta ppruvat issuq, ibblukkalha t-triq bil-karozza tieghu. Dakinhar, l-imputat kien riedha tiltaqa' mieghu. Hija ma accettatx li titla' fil-karozza mieghu u minn dak il-punt, kliemu sar ta' rabja u l-incident zvolga b'dak il-mod. Cemplet ghall-assistenza tal-pulizija izda ma waslux izda minkejja dan is-sitwazzjoni zblokkat ruhha. Tilmenta li l-imputat kien kontinwament jibghatilha l-messaggi bil-mobile u li gieli kienet issibu wara l-bieb tad-dar taghha fi Triq Hookham Frere, Gwardamanga, barra x'xoghol taghha fl-Esplora, u sahansitra barra l-Yada Dance Company f'San Gwann fejn kient tmur ghal-lezzjonijiet taz-zfin. Minhabba dan is-segwiment, bdiet eventwalment tinhakem minn paranoja u l-hin kollu bil-mobile f'idha lesta biex tiehu r-ritratti. Filfatt, ipprezentat sensiela minn dawn ir-ritratti. Fit-3 ta' Mejju

[5] Fol. 44-71 tal-atti processwali.

2022 rega' waqqafha u qalilha li hemm bzonn jitkellmu biex ikun hemm "closure". F'messagg minnhom qalilha li "dan l-ahhar kull ma hassejt hu vojt kbir, u rrid immut, dwejjaq kbar" u tispjega li kien jibghat dawn il-messggi ghax kien jaf li minn natura taghha tinkwieta u tiehu hsieb u allura, tiltaqa' mieghu. Isemmi episodju fejn kienet sabet sinjal vulgari mpingi fit-trab mal-hgieg tal-karozza taghha u hi ssuspettat fl-imputat u l-hafna telefonati li kienet tircievi minghad l-imputat. Fit-21 ta' Mejju 2022, vicin gheluq snin il-parte civile, l-imputat mar hdejn il-post tax-xoghol taghha b'bukkett fjuri, ittra u kartolina u beda' jipprova jdahhalhomla fil-karozza. Il-parte civile tilmenta ukoll li minkejja li r-relazzjoni ntemmet, halla ghadd ta' ritratti maghha fuq il-profil tieghu ta' Facebook. Ipprezentat recordings ta' konversazzjonijiet mal-imputat permezz ta' USBs u spjegat li kien hemm zmien fejn kient blokkjat lill-imputat u ohrajn fejn nehhiet il-block minhabba li hassitha responsabbli meta beda' jghidilha li ser iwegga' fuq ix-xoghol u kliem simili. Tikkonkludi tghid li b'rizultat tal-agir tal-imputat tul dan il-perjodu ta' zmien, hassitha anzjuza u mahkuma minn paranoja. In kontro-ezami tghid li meta bdiet ir-relazzjoni mal-imputat f'Jannar 2022, hi kellha 33 sena u hu 28 sena u ltaqghu tramite dating app. Il-parte civile giet riferuta messagg li baghtet hi fl-10 ta' Mejju 2022 fejn tghid lill-imputat li "I want to go down on you" u kliem iehor simili fuq dik il-vena. Ikkonfermat li hija kient baghtet dawn il-messagg u spjegat li f'dak il-punt kienet qatghet qalbha li tehles mill-imputat u tghid li "I'd rather have him next to me than behind me". Tkompli tispjega li r-relazjoni kienet "back and

forth" u li hi ma kellha xejn kontra l-imputat izda l-attitudni tieghu kienet dejjqitha u tishaq li minn meta ghamlet ir-rapport relattiv, ghamlet il-kuragg li ma tergax tkellem lill-imputat.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 xehedet **L-Ispettur Audrey Micallef**[6] stazzjonata fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika. Spjegat li l-Pulizija kienet irceviet rapport mill-parte civile fis-17 ta' Mejju 2022 dwar allegat fastidju minn naha tal-imputat. Ir-rapport ittiehed minn PS 2223 u PC 2339. Minn naha taghha, ix-xhud baghtet ghall-imputat fl-24 ta' Mejju 2022 u wara li inghata s-soliti drittijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat, ta stqarrija fejn ikkoopera u wiegeb ghal kull domanda maghmula lilu. Minn din l-istqarrija hareg li l-imputat indika li minkejja li l-parte civile kienet ghamlitha cara li xtaqet ittemm ir-relazzjoni, hu hass li baqa' jhobbha u li kellu jkun hemm ghaliha u baqa' jippersisti ghax xtaq li jirranga l-affrijiet u r-relazzjoni tigi salvata. Bhala investigazzjoni, ix-xhud ikkuntattjat lis-service providers tal-mobile tal-partijiet sabiex jinkisbu call logs, etc. minn dawn hareg li l-parte civile ma rrispondiet l-ebda telefonata maghmula mill-imputat. In kontro-ezami stqarret li meta ghamlet ir-rapport, il-parte civile ma semmietx il-messaggi li kienet qed tibghat hi lill-imputat u kkonfermat li l-materjal

[6] Fol. 100-104 tal-atti processwali.

mghoddi liha kien dak li l-parte civile stess ezebiet waqt ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023 xehedet **PC 2339 Whitney Hili**[7] stazzjonata fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika li kkonfermat li hija kienet hadet ir-rapport maghmul mill-parte civile kontra l-imputat fis-17 ta' Mejju 2022. Spjegat li ma kellha l-ebda involvement ulterjuri fl-investigazzjoni dwar dan il-kaz.

Fl-istess seduta xehded **Charmaine Zammit**[8], in rapprezentanza ta' Epic Communications Limited, li ezebiet kopja ufficjali tad-dettalji relattivi ghan-numru tal-parte civile kif ukoll tal-*call logs*.

Fl-istess seduta xehed **Anthony Bonnici**[9], in rapprezentanza ta' GO plc, li ezebixxa kopja ufficjali tad-dettalji relattivi ghan-numru tal-imputat kif ukoll tal-*call logs*.

[7] Fol. 110-111 tal-atti processwali.
[8] Fol. 112-113 tal-atti processwali.
[9] Fol. 116-117 tal-atti processwali.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 xehed **Stephen Cachia**[10], in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li kkonferma li l-vettura tat-tip Mazda 3 bin-numru ta' registrazzjoni KCA-642 hija registrata fuq isem l-imputat Aaron Luke Falzon u ilha hekk registrata mis-sena 2020.

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 xehed minn rajh **l-imputat Aaron Luke Falzon**[11]. Jispjega li r-relazzjoni tieghu mal-parte civile kienet bdiet xi erba jew hames xhur qabel u li f'din ir-relazzjoni kien ikun mumenti "'il fuq u 'l isfel" ghax kienu jinqalghu argumenti u l-parte civile kellha tendenza li tipprova tiehu kontroll tas-sitwazzjoni. Il-parte civile hija erba snin ikbar minnu in kwantu ta' eta`. Jispjega li kienet impulsiva u tkun triq li tghaddi taghha akkost ta' kollox, u dwar dan isemmi incident meta kellhom jiltaqghu u ma rieditx titla' fil-karozza tieghu u jmorru b'taghha, minkejja li ma kienx sab post fejn jipparkja. Izid li l-parte civile f'xi mumenti kienet fizikament abbuziva lejh tant li gieli refghet idha fuqu, liema incidenzi graw fi Frar u Marzu 2022. Il-komunikazzjoni kienet issur permezz ta' SMS, Whatsapp u anke` Messenger u fil-fatt, fix-xhieda tieghu, l-imputat ipprezenta sensiela ta' messaggi bejn il-

[10] Fol. 116-117 tal-atti processwali.
[11] Fol. 165-208 tal-atti processwali.

partijiet. Fihom, il-parte civile hija indikata bl-isem "Bird", u anke` ritratti flimkien mehuda f'dati li jlahhqu sas-16 ta' Mejju 2022.

L-imputat jispjega li tul il-hames xhur li damet ir-relazzjoni kien hemm diversi drabi li kemm il-parte civile u kemm hu riedu jieqfu izda imbaghad dejjem ikun hemm rikonciljazzjoni, u l-parte civile qatt ma qatghet tikkomunika mieghu permezz tal-messaggi. Jikkonferma li l-karozza tieghu iggib in-numru ta' registrazzjoni KCA-642 u jispjega li fid-29 ta' April 2022 inzerta kien ghaddejn bil-karozza mill-inhawi ta' hdejn il-Eurosport u lemah lill-parte civile bil-karozza taghha. Jghid li hu kien sejjer lejn Birkirkara biex imur jimxi fi gnien biex jikkalma. Me jeskludix li kien ikun fl-inhawi tad-dar tal-parte civile bil-karozza tieghu u dan, l-ewwelnett ghax kienet tinvitah imur hemm hi stess bosta drabi u ukoll, ghax kien imur ghall-fizjoterapija fil-bini tal-Isptar San Luqa minhabba incident li kellu – darba jew darbtjen fil-gimgha. Jispjega li gieli kien jiltaqa' mal-parte civile San Gwann wara li tlesti miz-zfin diversi drabi u li fit-3 ta' Mejju 2022, id-data li ssemmi l-parte civile, kienu ghadhom qed jiltqghu u ghalhekk, ma eskludiex li kienu miftehmin. Jispjega li fl-10 ta' Mejju 2022, kienet il-parte civile li marret tiltaqa' mieghu vicin il-post tax-xoghol tieghu fl-Istazzjon tal-Protezzjoni Civili f'Kordin u li dwar dan kien il-qbil tat-tnejn li huma. Bl-istess mod, jikkoncedi li gieli ltaqa' mal-parte civile vicin il-post tax-xoghol taghha f'Esplora Science Centre, il-Kalkara u jghid li skont ma fehem hu, ir-reazzjoni tal-parte civile meta tarah kienet tkun pozittiva u li meta hija

talbitu biex izomm id-distanza huwa waqaf imur u dan kien lejn nofs Mejju 2022. Jikkontradixxi lill-parte civile meta tghid li r-relazzjoni kienet intemmet f'Marzu ghax skont ma juru l-messaggi, kienu baqghu jiltaqghu regolarment sa nofs Mejju u minkejja li l-parte civile gieli kienet tibblokkjah bil-mobile, kienet taghmel unblock granet jew sahansitra sieghat wara. In kontro-ezami ikkonceda li minkejja li jilmenta li l-parte civile kient refghat idha fuqu, huwa ma kienx ghamel rapport tempestivament u lanqas irrikorra ghall-assistenza medika. Jinnega li kien imur fil-vicinanzi tal-Isptar San Luqa biex jiltaqa' mal-parte civile. Suggerit li kien ammetta li l-agir tieghu kien idejjaq lill-parte civile, l-imputat sahaq li anke' meta l-parte civile kienet tkun talbitu jzomm id-distanza kienet terga' tibda' tibghatlu l-messaggi u kienu jiftehmu li jiltaqghu. Rigward l-incident tal-fjuri jghid li kull ma ried jaghtiha l-awguri f'gheluq sninha, kartolina u rigal u dan bl-ebda intenzjoni hazina ghalkemm jikkoncedi li f'dak il-punt "ma kienux flimkien". Itemm jghid in riezami li r-relazzjoni bejnu u l-parte civile kienet wahda li tista' tigi deskritta bhala "konfuza".

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2023 xehed Matthew Bezzina, Fizjoterapista fl-Isptar San Luqa[12]. Ikkonferma li kien jara lill-imputat ghat-terapija in segwita ta' incident bil-mutur li kellu u pprezenta sensiela ta' dokumenta li

[12] Fol. 222-227 tal-atti processwali

jikkonfermaw dan. In kwantu ta' appuntamenti, ikkonferma ukoll li l-imputat kien jattendi ghas-sessjonijiet mieghu f'Marzu u April tas-sena 2022.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-imputat ta stqarrija[13] lill-Ispettur Audrey Micallef fil-prezenza ta' PS 2018 Silvana Cesare u PC 2180 Rebecca Farrugia nhar l-24 ta' Mejju 2022 fl-ufficcju tal-Ispettur Audrey Micallef wara li ghazel li ma jezercitax id-dritt li jikkonsulta ma avukat wara li giet moghti s-soliti drittijiet. L-imputat generalment wiegeb ghad-domandi maghmula lilu u in succint, wara li spjega li hu u l-parte civile kienu f'relazzjoni li huwa ddeskriva bhala "on and off" sa minn Dicembru 2021, stqarr li kien hemm tlett incidenzi meta l-parte civile refghat idha fuqu. Jinnega li kien possessiv jew li b'xi mod ried idejjaq jew jiffastidja lill-parte civile u baqa nteressat fir-relazzjoni minhabba li l-parte civile kienet ittih messaggi li hi kienet riedet tkompli mieghu. Fil-fatt kien hemm diversi eposidji fejn kienet tibblokkjah wara xi argument u imbaghad terga' tibda' tibghatlu hi stess. Jammetti li kien hemm okkazjoni li kien ghalqilha t-triq bil-karozza biex ma ssuqx ghax ried ikellimha, izda imbaghad halliha tghaddi u baqghu jitkellmu wara dan l-episodju. Bl-istess mod jammetti li kien mar hdejn l-Esplora, fejn tahdem il-parte civile biex jaghtiha bukkett fjuri u kartolina bhala rigal f'gheluq

[13] Fol. 8-14 tal-atti processwali.

sninha. Jikkumenta b'mod generali li huwa qatt ma kellu intenzjonijiet hziena lejn il-parte civile u kien jemmen li r-relazzjoni taghhom setghat tirnexxi.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tas-6 ta' Frar 2024[14].

Il-prosekuzzjoni taccenna ghall-provi in atti, inkluz il-messaggi ezebiti mill-partijiet kif ukoll il-call logsipprezentati mis-service providers u tghid li ladarba l-fastidju fih elementi suggettivi, il-Qorti triq taghti importanza lix-xhieda tal-parte civile li fiha spjegat kif u ghalfejn l-agir tal-imputat kien ta' biza u fastidju ghaliha. Importanti ukoll hija l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija li ghamel hazin li baqa' jsus wara l-parte civile meta kien car li r-relazzjoni kienet falliet. Il-prosekuzzjoni ssostni ukoll li l-akkuza ta' segwiment hija ukoll ipprovata specjalment in vista tal-episodji meta l-imputat iblokka l-passagg tal-parte civile bil-karozza tieghu u meta mar vicin il-post tax-xoghol taghha.

Mill-banda l-ohra, id-difiza tghid li huwa notevoli kif ir-rapport li wassal ghal dawn il-proceduti sar mill-parte civile fis-16 ta' Mejju 2022 u imbaghad, waqt ix-xhieda, l-parte civile tghid li r-relazzjoni kienet intemmet definittivament

[14] Fol. 245-252 tal-atti processwali

f'Marzu ta' qabel. Taccenna li s-sitwazzjoni ma kienitx wahda semplici u lineari ghax meta jidher li r-relazzjoni tkun spiccat, jerga' jkun hemm skambju ta' messaggi bejn in partijiet u intant, il-messaggi innifishom ma jindikawx l-estremi li jistghu jitqiesu minghajr dubju li huma ta' fastidju ghal min jircevihom. Tkompli tghid li sa Mejju 2022, il-parte civile innifisha kienet qed tibghat messaggi lill-imputat fejn fihom kjarament turi li kienet ghadha qed tfittex l-intimita' mal-imputat u tmur fl-esplicitu u ghalhekk, zgur ma kienitx qed thossha imbezza' jew oppressata minnu. Relevanti ukoll, skont id-difiza, huwa l-messagg tal-parte civile fejn tghid lill-imputat li trid tistiednu ghax-xow taz-zfin tal-Yada li kienet ser tiehu sehem fiha hi, u imbaghad ilmentat minn segwiment ghax l-imputat kien mar biex jiltaqa' maghha vicin il-premises tal-Yada. Finalment id-difiza tishaq li imkien mill-provi ma jirrizulta li kien hemm xi insulti jew theddid minn naha tal-imputat lejn il-parte civile u ghalhekk, l-akkuzi dwar dan certament ma jirrizultawx.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[15] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these*

[15] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

*guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

L-imputat principalment tressaq tali ghamel fastidju li l-eks siehba tieghu Alison Bugeja.

L-artikolu 251A(1)(a)(b) jghidu:

*251A. (1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza talqrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il- fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l- Appelli Kriminali fil-kawza flismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being*

*directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies flisfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi*

*varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda lohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

*Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L- Proskezzjoni flakkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Cachia) Vs Massimo Tivisini'** gie meqjus:

*'Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit- test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar- reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l- ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil- ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-"intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l- vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal- "incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta*

*wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal- "predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

*Illi mix-xiehda ta' Camilleri kif gja intqal jirrizulta wkoll li dawn l-incidenti tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kienux ta' darba jew kaz izolat imma kienu preceduti minn ohrajn fejn l-appellant sahansitra kien processat u nstab hati ta' sekwestru w fastidju fil-konfront ta' Camilleri. Minkejja l- kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' sentenzi sospizi w garanzija imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta' "rejected stalker" u dan hu proprju l-agir li fil- fehma ta' din il-Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixxi l-ligi bl- artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal2005.*

*Ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li hi haga naturali li hu jitlob spjegazzjoni minnghand l-ex- amanti tieghu talli hallietu, din il-Qorti ma tistax - f' dan il- kaz - tissimpatizza b' xi mod ma din it-tezi tal-appellant li hass ruhu "jilted", dizappuntat,jew dizilluz u mwegga' bl- agir tal-ex-amanti tieghu. Dan hu ragel matur ta' erbghin sena, mizzewweg u b' mara tigri warajh ghall- mantenimen t - kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu - w mhux xi guvni ta' eta' tenera mimli bl-ideali w illuzjonijiet*

*giovanili dwar l-imhabba. Ghalhekk ma tistax ma tqisx li l- agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.'*

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel (1) akkuża:**

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik li kkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu Alison Bugeja fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 251A(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rigward dan l-Artikolu, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***il-Pulizija vs Massimo Tivisini***[16] sostniet li l-ligi taghna ma tagħti ebda definizzjoni tat-terminu ġeneriku "fastidju" (dak li bl-Ingliż magħruf bħala "*harassment*") u dan in-nuqqas jagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju diversi forom ta' aġir differenti, li ta sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali ikkomplikati u delikati. F'dik is-sentenza, il-Qorti rriteniet li:-

> *"F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour".*

[16] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini, Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Frar 2009 (Appell Krim .Nru 351/2008).

*Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom....*

*... Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Illi di piú ir-reat in eżami jitlob illi persuna akkużata ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju (fil-verżjoni Ingliża tal-liġi "*pursues a course of conduct which amounts to harassment*"). Dwar l-element ta' "*couse of conduct*", jingħad fi Blackstone's Criminal Practice[17]li:

*"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (Ibqal v Dean Manson (Solicitors) [2-11] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]) The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount*

[17] Blackstone's Criminal Practice, 2021, par B2.185.

*to a course of conduct (Patel [2004] EWCA Crim 3284, [2005] 1 Cr App R 27 (440); Pratt v DPP [2001]EWHC Admin 483; C v CPS). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a court of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580)."*

Illi aktar minn hekk, il-paragrafu (b) tal-Artikolu 251A(1) jistabilixxi verżjoni ta' dan ir-reat fejn l-akkużat iġib ruħu b'mod li jkun jaf jew li imissu jkun jaf li qiegħed ikun ta' fastidju għall-vittma. Illi f'dan ir-rigward, l-Artikolu 251A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkrea jistabbilixxi standard oġġettiv li miegħu persuna għandha tqabbel l-azzjonijiet tagħha biex tara jekk dawk jikkostitwixxux fastidju jew le.

Illi fil-fehma tal-Qorti, iż-żerriegħa li tat lok għall-azzjonijiet tal-akkużat hija x-xewqa tiegħu li jreġġa' lura r-relazzjoni li kellu mal-parte ċivile għal li kienet, jew aħjar "rejected stalker" kif hawn fuq deskritt. Dan ma jfissirx, madanakollu, li kull komunukazzjoni li hu għamel mal-parte ċivile jammonta għall-fastidju lill-parte civile. Il-parte civile xehdet li l-akkużat ma riedx jaccetta li r-relazzjoni tintemm u baqa' jsegwiha f'okkazjonijiet wara. Tispjega li wara li hassret, l-imputat kien jibghatilha messaggi bi kliem bhal "minghajrek inhossni li ser immut" u li ser iwegga' fuq ix-xoghol. Kien hemm xi okkazjonijiet fejn iltaqghet mieghu biex tkellmu "biex tkun ta' support" ghax xortawahda kienet tinkwieta ghalih. Fid-29 ta' April 2022, l-imputat segwiha bil-karozza u pparkja hdejha fi

Triq il-Fniek, Santa Venera u meta ppruvat issuq, ibblukkalha t-triq bil-karozza tieghu. Tilmenta ukoll li l-imputat kien kontinwament jibghatilha l-messaggi bil-mobile u li gieli kienet issibu wara l-bieb tad-dar taghha fi Triq Hookham Frere, Gwardamanga, barra x'xoghol taghha fl-Esplora, u sahansitra barra l-Yada Dance Company f'San Gwann fejn kient tmur ghal-lezzjonijiet taz-zfin. Huwa fil-kuntest ta' din l-insistenza tiegħu li jkellimha billi anke rrikorra fid-dar residenzjali tagħha, li l-aġit tal-akkużat beda jissodisfa l-elementi ta' dan ir-reat. Di più jirriżulta wkoll li dawn ma kienux incidenti insoliti jew izolati ghalhekk hu wettaq il-"*course of conduct*" rikjesta kif hawn fuq deskritt.

Illi b'hekk, l-ewwel akkuża ġiet ampjament ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

**It-Tieni (2) akkuża:**

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik li kkaġuna lill-eks sieħba tiegħu Alison Bugeja, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali ta' fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u dan bi ksur tal-Artikolu 251AA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi huma mogħtija mill-Artikolu 251AA(1), li jistipola li:

*"251AA. (1) Persuna:*

*(a) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1), u*

*(b) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi"*

Illi dwar l-ewwel element, din il-Qorti diversament ippresjeduta, fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Sharon Gobey et***[18] irriteniet illi:-

> *"Biex tissussisti din l-imputazzjoni, trid tingieb il-prova li l-imputati gabu ruhhom b'tali mod li kissru d-dispozizzjoni tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li din l-imgieba tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi."*

Illi aktar minn hekk, l-artikolu 251AA(2) jagħti lista mhux esklussiva ta' sitwazzjonijiet fejn persuna titqies li qed ġġib ruħha b'mod li l-imġieba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi filwaqt li l-Artikolu 251AA(3) jagħti lista mhux esklussiva ta' atti li għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi.

Illi skont ma jirriżulta mill-provi prodotti, fid-29 ta' April 2022, l-imputat segwa lill-parte civile bil-karozza u pparkja hdejha fi Triq il-Fniek, Santa Venera u

[18] Il-Pulizija vs Sharon Gobey u Mark Stagno, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 17 ta' Frar 2022.

meta ppruvat issuq, ibblukkalha t-triq bil-karozza tieghu, kliemu sar ta' rabja tant li kellha ccempel ghall-assistenza tal-pulizija. Fit-21 ta' Mejju 2022, vicin gheluq snin il-parte civile, l-imputat mar hdejn il-post tax-xoghol taghha b'bukkett fjuri, ittra u kartolina u beda' jipprova jdahhalhomla fil-karozza. Xehdet ukoll li kienet isib lill-imputat wara l-bieb tad-dar taghha fi Triq Hookham Frere, Gwardamanga u anke' barra l-Yada Dance Company f'San Gwann fejn kient tmur ghal-lezzjonijiet taz-zfin. Dan l-insegwiment kien isehh wara diversi telefonati u messaggi tal-imputat u ghalhekk, hemm il-qafas tal-kors ta' imġieba adoperat mill-akkużat kontra l-parte civile.

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan kollu, u partikolarment l-inċident fil-viċinanzi tax-xogħol tal-parte ċivile jammonta għal segwiment bil-moħbi ai termini tas-subinċiżi (a), (b) u (e) tal-Artikolu 251AA, liema imġieba tiegħu saret fil-qafas tal-fastidju li huwa kien qiegħed jikkawża lill-parte civile, u ta' liema imġieba din il-Qorti diġa esprimiet ruħa fir-rigward tal-ewwel akkuża.

Illi b'hekk, din it-tieni akkuża ġiet ukoll ampjament ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

**Artikoli applikabbli għall-ewwel zewg akkużi:**

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta mhux kontradett illi l-akkużat u l-parte ċivile għamlu żmien li kienu f'relazzjoni flimkien. Dan il-fatt qiegħed jingħad in vista

tal-Artikolu 251H(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola¸ inter alia, li l-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta d-delitt jitwettaq kontra is-sieħba preżenti jew ta' qabel. Di più, l-Artikolu 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jkompli jistipola li l-piena stabbilita għad-delitti msemmija f'dak is-Sub-titolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta u kif applikabbli, iżda fejn il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċirkostanzi preżenti jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9, liema artikoli jistipola li l-piena għandha tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ li d-delitt isir kontra persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, dawn l-aggravji huma applikabbli għall-każ de quo.

**It-tielet (3) u raba (4) akkużi:**

Illi t-tielet akkuża hija dik li permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Alison Bugeja, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq biħ, liema akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola s-segwenti:-

*49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika:*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biexjagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lilħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xiħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra,jew biex jimmalafama lil dik il-*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*

*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

Illi l-prosekuzzjoni produciet rapprezentanti tas-service providers Epic Communications Limited[19] u GO plc[20] li ezebew kopja ufficjali tad-dettalji relattivi ghan-numri kemm tal-parte civile kif ukoll tal-imputat u *call logs* relattivi. Minn dan jirrizulta ampjament li l-imputat kien juza l-mowbajl tieghu ripetutament sabiex jittenta jaghmel kuntatt mal-parte civile matul il-perjodu relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni. Gew ezebiti in atti ukoll mill-parte civile ghadd kbir ta' messaggi repetuti mibghuta lilha mill-imputat.

Din il-Qorti diġà esprimiet ruħha rigward l-imġieba tal-akkużat versu l-parte ċivile u li din tissodisfa l-elementi tal-ewwel zewg akkużi. Jirriżulta li dawn ir-reati twettqu propju bl-użu tal-apparat ta' komunikazzjoni u dan ifisser li huwa l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 li ġie vjolat. Mill-fatti kif esposti, il-paragrafu (a) ta' dan l-Artikolu m'hux sodisfatt.

B'hekk jirriżulta li din l-akkuża ġiet ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

**Il-ħames akkuża:**

Illi s-seba' akkuża hija dik kontravvenzjonali li l-akkużat għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien

[19] Fol. 112-113 tal-atti processwali.
[20] Fol. 116-117 tal-atti processwali.

ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Frendo***[21] il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkummenta hekk fuq din il-kontravvenzjoni:

> *"Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band 'oħra fil-Kodiċi, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta tal-istess agent."*

Illi fix-xhieda taghha, l-parte civile fost affarijiet ohrajn issemmi episodju fejn kienet sabet sinjal vulgari mpingi fit-trab mal-hgieg tal-karozza taghha imma ma ssemmix li rat lill-imputat qed jaghmel dan l-att. Ghalhekk, hija biss assunzjoni taghha li kien l-imputat li ghamlu li ma toqrob bl-ebda mod lejn il-grad ta' prova li trid il-ligi sabiex tinstab htija.

Mill-banda l-ohra, ezebiet messagg li fih l-imputat jghajjar lill-parte civile "*arrogant, ignorant, self-righteous, hateful, cheating ass*"[22]. Dan certament jikkostitwixxi l-element materjali kontemplat fil-kontravvenzjoni ta' ingurja

[21] Deċiża fis-7 ta' Lulju 1995.
[22] Parti minn "Dok AB2"

taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li din l-akkuza giet ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

**Is-Sitt (6) akkuża:**

Illi s-seba′ akkuża hija li nhar id- 29 ta' **Marzu** 2022, bejn il-hinijiet ta' 16:00hrs u 17:00hrs gewwa Gwardamangia, u f'diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi minijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzioni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzioni wahda saq il-vettura ta' ghamla Mazda 3, ta' lewn iswed u bin-numru ta' registrazzioni KCA642 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Il-Qorti tissottolinea li l-prosekuzzjoni hija zbaljati li taddebita d-dictura ta′ reat kontinwat meta hija stess qed tallaccja din l-imputazzjoni ma incident uniku li allegatament sehh fi Gwardamangia f′temp ta′ siegha. Mill-banda l-ohra, Il-prosekuzzjoni gabet prova sodisfacenti li l-vettura KCA642 tat-tip Mazda 3 tghajjat lill-imputat Aaron Luke Falzon[23].

Referenza ssir ghax-xhieda tal-parte civile[24] fejn din tispjega li l-incident fejn l-imputat allegatament beda jsuq il-karozza tieghu b′mod perikoluz u li imblokka l-passagg taghha sehh fid-29 ta′ **April** 2022 fil-17:02hrs fi Triq il-Fniek, Santa

[23] Fol. 116-117 tal-atti processwali.
[24] Fol. 46 tal-atti processwali.

Venera. In vista ta' dan, din l-akkuza kif postulata qatt ma tista' tirrizulta ghax kemm id-data ta' meta allegatament sehh ir-reat kif ukoll il-lok relattiv indikati fl-akkuza ma jaqblux ma dak li xehdet il-parte civile li hija l-unika xhud dwar din l-allegazzjoni.

Għalhekk, il-Qorti ma jidhriliex li din l-akkuza giet ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

**Ikkunsidrat:**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset il-fedina penali ta' l-imputat[25] ezebita mill-prosekuzzjoni li ghalkemm mhux netta, ma tikkawza l-ebda thassib fil-fehma ta' din il-Qorti.

Il-Qorti qieset ukoll li ghalkemm tirrizulta htija fir-rigward tal-ewwel hames akkuzi, ghandu jinghad li verament kien hemm xi okkazjonijiet partiklari fejn il-parte civile bhal qisha kompliet mal-imputat specjalment permezz ta' messaggi. Il-Qorti tilqa' l-ispjegazzjoni taghha li kienet taghmel hekk ghax hija kienet sincerament tinkwieta ghall-imputat f'xi mumenti ghax taghraf li fejn jidhlu relazzjonijiet umani, il-bniedem mhux magna u ghalhekk mhux kollox

[25] Folio 6-7 ta' l-atti processwali

ikun iswed fuq l-abjad u jaf ikun hemm certu *grey areas*. Specifikament ghal din l-istess raguni, il-Qorti thoss li ghalkemm ghamel hazin ghax kiser il-ligi, u missu kien jaf li l-agir tieghu kien ta' fastidju, ma johrogx mill-provi li l-agir tal-imputat kien motivat minn kattiverja jew mibgheda versu l-parte civile. Dan ser jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fir-rigward tal-piena.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*.

Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li ladarba sejra timponi il-mizuri ta' harsien mitluba a favur il-vittma, ma hemmx l-estermi li tinghata piena karcerarja effettiva.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(a)(b); 251H(a)(b); 251AA; 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta ' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49(a) u 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li qed issib lill-Aaron Luke Falzon **mhux hati** tas-sitt (6) imputazzjonji u tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward, qed issibu **hati** tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u tikundannah ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum kif ukoll multa ta' mitejn Euro (€200).

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilitajiet tieghu inkluz dawk taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, skond l-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Aaron Luke Falzon taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Inoltre, l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Alison Bugeja, qed tpoġġi lill-hati

taħt Ordni ta Trażżin għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-14 ta' Novembru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**